



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7601/24
ADD 1
LIMITE
PV CONS 11
COMPET 303
IND 148
MI 293
RECH 111
ESPACE 33

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Kompetittività (Sug Intern, Industrija, Riċerka u Spazju))
7 ta' Marzu 2024

Attivitajiet mhux leġislattivi

4. **Is-sitwazzjoni attwali tas-Suq Uniku: rapport annwali tal-2024 dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività**
Skambju ta' fehmiet

6625/1/24 REV 1

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet ibbażat fuq il-mistoqsijiet kif imressqa fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 7144/24

Dwar il-punt "A"
nru 2:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija
Qbil fil-prinċipju
Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"Mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni finali tagħha fi żmien l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq minħabba konsultazzjonijiet nazzjonali li għaddejjin, l-Estonja tikkonferma l-qbil fil-prinċipju mat-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija kif jinsab fid-dokument 6509/24.

L-Estonja tappoġġa li l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, kif rivedut mill-ġuristi lingwisti, jintbagħat lill-Parlament Ewropew għall-adozzjoni tiegħu."

Dwar il-punt "A"
nru 7:

Azzjonijiet rakkomandati mill-UE u l-Istati Uniti għall-pjattaformi online li għandhom l-għan li jipproteġu d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem online
Approvazzjoni ta' strument mhux vinkolanti

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"IDENTIFIKAZZJONI TAR-RISKJI GĦAD-DDB

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa bħala valur fundamentali fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-Artikolu 2 TUE u fl-Artikolu 8 TFUE. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel".